# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 348/01mm**

**Strand Marine & Auto Systems Ltd.**

**vs**

**Marine Maintenance Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm489.87) rapprezentanti prezz ta' 'parts' mibjugha lis-

socjeta' konventua mis-socjeta' attrici u debitment ikkonsenjati, kif jirrizulta minn invoice anness bhala 'Dok A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Settembru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-invoice sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-28 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.